27 ta' Lulju, 1954

Imħallef :
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Antonia Abela pr: et ne *versus* Philip Abela

**Separazzjoni Personali — Alimenti — Mara — Tfal — Rikjam tat-Tfal — Diżokkupazzjoni — Art. 3 (2), u 14 (1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*F'kawża li l-mara tagħmel kontra r-raġel għall-alimenti, li ma tkunx ukoll kawża ta' separazzjoni personali, ir-raġel ma għandux dritt iqanqal il-kwistjoni jekk għandux dritt jew le li martu ma tiġix lura f'daru. U jekk il-mara tkun abbandunat id-dar konjugali, u r-raġel ma jkunx interpellaha biex tirritorna f'daru, huwa jibqa' tenut li jissomministralha l-alimenti, u għandu l-obligu li jmantniha, skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu, kif ukoll lit-tfal, uliedu, li jkunu magħha.*

*Jekk imbagħad ir-raġel ikun irid jirrikjama miegħu dawk it-tfal, huwa għandu jagixxi b'azzjoni separata, u l-Qorti allura tara l-interess suprem tat-tfal x'ikun jeżiġi, anzi jimponi, li jsir. Sadattant huwa jkun tenut lejhom għall-alimenti, salv id-dritt tiegħu.*

*fin-nuqqas ta' ċirkustanzi kuntrarji, li jara lill-uliedu.*

*U ma jistax ir-raġel jeżenta ruħu mill-obbligu li jagħti l-alimenti lill-martu u lill-uliedu billi huwa jkun diżokkupat u għalhekk ma għandux mezzi biżżejjed biex bihom jissomministralhom l-alimenti, meta huwa kapaċi għal xi xogħol li bih huwa jista' jipprokura dawk il-mezzi.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, fil-kwalitajiet tagħha fuq imsemmija, wara li tippremetti illi l-konvenut abbanduna d-dar konjugali u, għall-aħħar xahrejn, ma baqgħax jgħaddi alimenti lilha u lill-imsemmija wliedha; u illi huwa tenut imantni lilha u lill-uliedhom, u għandu l-mezzi neċessarji; titlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti kollha xierqa, il-konvenut jiġi kundannat jissomministra lilha u lill-imsemmijin uliedhom Tessie u Lily, aħwa Abela, retta alimentarja fil-mod, ħin u lok li jiġu determinati minn din il-Qorti. Bl-ispejjeż, flimkien ma' dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-14 ta' Ottubru 1953, kontra l-konvenut, li ġie mħarrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut ma jikkontestax illi minn xi xahrejn, meta huwa wella l-ħanut li kellu b'£200, u l-attriċi abbandunat id-dar konjugali maż-żewġ uliedha imsemmijin fiċ-ċitazzjoni, ma tax alimenti lill-istess attriċi, la għaliha u lanqas għal uliedha. Huwa jimputa lill-attriċi xi ħtijiet, u jgħid illi lil din huwa ma keċċihiex; imma huwa magħruf illi f'kawża għall-alimenti li mhix fl-istess ħin kawża ta' separazzjoni personali, ir-raġel ma jistax iqanqal il-kwistjoni jekk għandux dritt jew le li martu ma tiġix lura f'daru (Vol. XXII—I—295; XXIX—II—539; XXXII—II—466). Barra minn dan, ġie pruvat illi l-konvenut, minn meta l-attriċi abbandunat id-dar konjugali, qatt ma nterpellaha biex tirritorna għandu, u għalhekk huwa jibqa' tenut illi jissomministralha l-alimenti, "L'attrice, in difetto di una separazione giudiziale dal di lei marito, ha il diritto di domandare da costui la prestazione degli alimenti nella casa coniugale, od anche altrove, qualora il marito non la richiami a convivere con sè............" (P.A. 17. 1. 1879 "Vassallo utrinque" konfermata App. 16. 2. 1880). "Non po-

*trebbe il marito opporre che l'allontanamento* della moglie sia capriccioso se non fece alcuna istanza per richiamarla" (Fadda, art. 133, para. 45). "Il marito può essere dispensato dall'*obbligo degli alimenti verso* la moglie nel solo caso che questa si sia allontanata senza giusto motivo dalla casa coniugale e ricusi di ritornarvi; ma *quando il marito* non siasi dato pensiero dell'abbandono, nè abbia mai invitato la moglie a tornare presso di lui, non può sottrarsi dall'obbligo di alimentarla, *quale che sia stata la causa* dell'abbandono stesso" (Fadda, ibidem, para. 10);

Illi għalhekk il-konvenut għandu *jmantni* lill-attriċi, li hi *martu*, u dan għandu jagħmlu skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu (art. 3 (2) Kod. Ċivili). Il-konvenut hu fid-dmir ukoll li *jmantni ż-żewġt itfal ta' l-attriċi*, li huma wliedu (art. 14 (1) Kap. 23);

Il-konvenut talab illi dawn it-tfal jeħodhom miegħu f'*daru; imma*, biex jeżerċita dan *ir-rikjam* tat-tfal, huwa għandu jagixxi b'azzjoni separata, u l-Qorti allura tara l-interess suprem tat-tfal x'ikun *jeżigi*, anzi jimponi illi jsir (Vol. XXXIII——I—1). Sadattant huwa jibqa' tenut lejhom għall-alimenti skond il-liġi. Biss, il-konvenut għandu *jkollu d-dritt, f'nuqqas ta' ċirkustanzi kuntrarji*, li jara lill-uliedu; u għal dan l-iskop, jekk ma jkunx hemm ftehim bejnu u bejn l-attriċi, il-Qorti tkun tista' *tagħti l-provvedimenti* opportuni fuq talba tiegħu, jekk u safejn dan ikun jista' jsir;

Illi l-konvenut xehed li għandu 71 sena, ma jagħmel xejn, *u lanqas jiflaħ jaħdem. Ir-raġel mhux* eżonerat mill-obbligu tiegħu li jagħti l-alimenti lill-martu u lill-uliedu bilii huwa jkun diżokkupat u għaliex ma għandux *mezzi* biżżejjed biex bihom jissomministralhom l-alimenti, meta huwa kapaċi għal xi xogħol li bih huwa jista' jipprokura dawk il-mezzi (XXXIV—*I—60). Il-konvenut, għalkemm* għandu dik l-età, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti ma jidherx illi m'huwiex fi stat li jagħmel xi ħaġa biex biha jkun jista jagħti l-*alimenti lill-attriċi* u lill-uliedu, bħal ma kien jagħmel bil-ħanut li kellu xi xahrejn ilu;

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi, u b'konsiderazzjoni li l-konvenut *għandu żewġ fondi li jirrendulu* £25 fis-sena, kif ukoll xi flus, jidher illi l-pensjoni alimentarja li huwa għandu jissom

ministra lill-attriċi, għaliha u għal uliedha, għandha tkun kif sejjer jingħad;

Għal dawn ir-raġunijiet;

'Tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attriċi, u hekk tikkundanna lill-konvenut jissomministralha, għaliha u għaż-żewġt itfal tagħha u tiegħu, Tessie u Lily, ir-retta alimentarja ta' 5s. kull jum, titħallas bil-ġimgħa bil-quddiem, kull nhar ta' Tlieta, fid-domiċilju ta' l-istess attriċi, u tibda mil-lum stess. L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.